**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A02-12

5 t' April 2012

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/02</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **l-Erbgħa 11 t'April 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Audited Financial Statements*
6. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-Risposta tad-*Draft Management Letter*
7. Affarijiet oħra
8. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M. Borg B.A. Dip.Mgmt. M.I.M |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali IL-Gżira

3 ta' Mejju 2012

Ref Nru.Klg6/002

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/002 li saret l-Erbgħa 11 t'April 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Victor Rutter u Joseph Muscat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendew għall-laqgħa, l-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja, rappreżentanti tad-ditta *Terracore* u l-*Accountant* Johanna Caruana.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-5 t'April 2012.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg6/002 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Iċ-*Chairman* ressaq kjarifika li għalkemm il-Kumitat tar-Reġjun kien jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu, d-delegat ser ikun il-Kunsillier Joe Camilleri.

**1.3** Minħabba li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet/kjarifiki, l-minuti sopracitati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 6 para 2.8** – Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Charles Micallef St.John għandhom jevalwaw il-proposti tal-lokazzjonijiet kif sottomessi mid-ditta *Malta Now Ltd* u jressqu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom fil-laqgħa li jmiss.

**2.2 Paġna 5 para 2.5** – Insegwitu tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2012 fejn il-Kunsill kien ikkummissjona lid-ditta *Terracore* sabiex jagħmel żewġ *corecuts* oħra fl-aħħar parti ta' Triq Ponsonby u ta' Triq Stuart kollha, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kemm ir-rappreżentanti ta' din id-ditta kif ukoll il-Perit tal-Kunsill kienu waslu u għalhekk, iċ-*Chairman* stiedinhom jidħlu għall-laqgħa.

Is-Sinjuri Scerri ppreżentaw kopja tar-rapporti abazi ta' liema, ċ-*Chairman* talabhom jagħtu spjegazzjoni u jibdew minn Triq Ponsonby. Mir-riżultati ottenuti, d-ditta *Terracore* spjegat li l-*corecuts* ttieħdu minn fejn kien indikalhom il-Kunsillier Anthony Abela bħala rappreżentant tal-Kunsill jiġifieri, fi Triq Ponsonby bi dritt Triq Coleridge. Huma qalu, li l-ħxuna ta' l-ewwel qata' kienet ta' 53mm filwaqt tat-tieni waħda kienet 87mm, miżuri, li huma fil-*limits* ta' 4" u mhux 6" ta' ħxuna ta' tarmak imqiegħed kif kien ġie diskuss fil-laqgħa tal-15 ta' Marzu 2012.

Għall-benefiċċju tal-Kunsillieri li ma kienux preżenti f'dik il-laqgħa, ġie spjegat u kkonfermat mill-Perit li skont id-dokumenti tal-kuntratt ta' din it-triq, it-tarmak kellu jkun ta' 4" iżda b'eżitu ta' problema li żviluppat fl-aħħar parti tat-triq u biex tittneħħa dar il-ħmar, kellu jsir aktar *scarifying* u invista tal-fatt, li kienu ġejjin il-festi u biex ma jitwaqqafx ix-xogħol, kienet ittieħdet *adhoc decision*, kif dokumentat fir-rapporti sottomessi mill-Perit tal-Kunsill lill-Kunsill, li t-tarmak jitħaxxen għal 6".

Matul id-diskussjoni li kienet għaddejja, l-Perit spjega li minn fejn kienu qed jindikaw ir-rappreżentanti tad-ditta *Terracore*, ma kienitx tifforma mill-parti ta' fejn tħaxxen it-tarmak u għalhekk, ma kienx fil-*limits* ta' 6". Hu kompla jgħid, li kellu kopja tar-riżultat tat-testijiet li ħa l-kuntrattur fl-aħħar parti tat-triq, li juru, li l-ħxuna ta' l-asfalt kienet tlaħħaq 8". Is-Sinjuri Scerri qalu, li d-ditta qatgħet minn fejn indikala r-rappreżentant tal-Kunsill u dawk kienu r-riżultati li nstabu filwaqt li dwar il-kwalita', din kienet l-istess bħalma spjegaw fil-laqgħa ta' Marzu 2012.

Ġa la darba r-rappreżentant tal-Kunsill ma kienx għadu jifforma parti ta' din il-leġislatura, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li d-ditta *Terracore* għandha terġa' tkun responsabbli billi tieħu żewġ *corecuts* oħra fl-aħħar parti tat-triq minn fejn jindika l-Perit u cioe' kif suġġerit mill-Perit dak il-ħin stess tal-laqgħa u maqbul unanimament mill-Kunsill, li l-aħħar parti ta' Triq

Ponsonby, jiġifieri minn Triq Coleridge sax-Xatt, tiġi maqsuma fi tlieta u fl-interval ta' kull terz jittieħed kampjun tat-tarmak liema testijiet, isiru fil-preżenza tal-Viċi-Sindku responsabbli mill-Infrastruttura u dawn għandhom ikunu t-testijiet finali li fuqhom tiġi determinata jekk il-kwalita' u l-ħxuna tat-tarmak tissodisfax ir-rekwiżiti tal-kuntratt. Il-Perit tal-Kunsill kellu jinforma lill-Kunsill meta jagħmel l-appuntament mad-ditta *Terracore* biex isiru t-testijiet.

Wara li ġiet eżawrita d-diskussjoni relatata ma' Triq Ponsonby, il-Kunsill talab lid-ditta *Terracore* biex jiġi spjegat ir-riżultat ta' Triq Stuart.

Is-Sur Mark Scerri spjega li l-*limits* tal-*base course* huma ta' minimu 61mm u massimu ta' 95mm filwaqt li l-*limits* tal-*wearing course* huma 43mm u 59mm. Hu kompla jgħid, li l-kwalita' tat-tarmak hi tajba iżda l-istess spjegazzjoni li kien ta waqt il-laqgħa tal-15 ta' Marzu 2012, dwar il-*filler* kienet instabet ukoll fi Triq Stuart fattur, li l-Perit Joe Bugeja qal li ma jaqbilx miegħu għaliex skont l-*ASTM* ir-riżultati huma kollha tajbin.

Is-Sur Mark Scerri qal, li filwaqt li jtenni li l-kwalita' hi tajba madanakollu sostna, li r-riżultat tal-*filler* bejn żrara u oħra m'huwiex skont il-limitu iżda dan il-fattur trid tarah fil-perspettiva tal-*mixed design* u l-approvazzjoni li jkun hemm minn *Transport Malta*. Fuq dan il-punt tekniku, l-Perit u *Terracore* ma qablux.

Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa lid-ditta *Terracore* jekk it-triq hix ta' kwalita' tajba kif ukoll informa li skont il-*Private Public Partnership agreement* it-Toroq Stuart u Ponsonby għandhom garanzija ta' tmien snin.

Id-ditta *Terracore* wieġbet fl-affermattiv.

Abazi ta' din ir-risposta ċ-*Chairman* staqsa jekk il-Perit kienx ċċertifika x-xogħlijiet ta' Triq Stuart. Kemm il-Perit kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu fl-affermattiv u din ta' l-aħħar żiedet tgħid, li skont id-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-15 Marzu 2012, il-Kunsill kien qabel, li l-ewwel kellhom isiru t-testijiet u jekk ir-riżultat tagħhom ikun pożittiv, ikun jista' jsir il-ħlas tal-40% tar-*resurfacing works* ta' Triq Stuart skont *GLC003/2010* kif miftiehem oriġinarjament u l-40% ta' l-*istabilization works* skont *GLCT003/2012* u l-*Contract Management fee* applikabbli filwaqt li fir-rispett tal-varjanza li tinkludi wkoll, Triq Ponsonby, il-Kunsill qatt ma kien irċieva approvazzjoni mid-Dipartiment li jista' jsir il-ħlas tagħhom u dan abazi ta' l-ispjegazzjoni mogħtija aktar qabel fil-laqgħa tal-Kunsill. Hi kompliet tgħid, li kienet qed tinforma b'dan minħabba l-fatt, li fir-rispett ta' Triq Ponsonby il-Kunsill kien diġa' għadda l-pagamenti tal-bankini u l-40% tar-*resurfacing* lill-kuntrattur kif kien miftiehem oriġinarjament.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu ma jaqbilx ma' din id-direzzjoni tant, li kien ressaqa kemm għalll-attenzjoni ta' l-Onor Chris Said kif ukoll, tad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Iċ-*Chairman* qal, li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jistenna r-riżultati ta' Triq Ponsonby sussegwentament ta' liema, għandha tissejjaħ laqgħa mad-Direttur u l-Ministru Karm Mifsud Bonnici.

Il-Perit Joe Bugeja reġa' ta *overview* ta' kif iġġenerat il-problema u qal li għal kull nefqa li kkostitwixxiet varjanza hemm spjegazzjoni teknika fattur, li s-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li hi ressqitu għall-evalwazzjoni ta' l-Awditur tal-Gvern għaliex il-materja hi kollha dokumentata iżda dan ta' l-aħħar wieġeb, li l-Kunsill hu obligat li jaderixxi mar-regolamenti finanzjarji li jispeċfikaw li l-varjanza ma tistax taċċedi l-10% ta' l-ammont tal-kuntratt.

Għaldaqstant, ġa la darba ma kienx hemm aktar punti relatati mal-materja, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John, li f'dan l-istadju jitħallsu biss l-40% tar-*resurfacing works* u l-40% tas-*cement stabilization works* kif oriġinarjament miftiehem u l-*contract management fee* applikabbli għal Triq Stuart. Dwar il-varjanza ċ-*Chairman* qal, li l-ewwel għandhom isiru t-testijiet kif deċiż fil-laqgħa u wara li jiġu diskussi r-riżultati, tissejjaħ il-laqgħa mal-Ministru u d-Direttur.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill irringrazzja lir-rappreżentanti tad-ditta *Terracore* u lill-Perit, li ħarġu mill-laqgħa fis-6.20 p.m.

Invista tal-fatt, li s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-*Accountant* Johanna Caruana kienet waslet għall-laqgħa, iċ-*Chairman* talab is-sospenzjoni ta' l-aġenda, sabiex ikunu jistgħu jiġu diskussi *items* numru 5 u 6.

Il-Kunsill Lokali laqa' unanimament din it-talba.

Fis-6.30 p.m. l-*Accountant* daħlet għall-laqgħa.

## 5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-*Audited Financial Statements*

**5.1** In segwitu ta' l-introduzzjoni miċ-*Chairman*, l-*Accountant* tal-Kunsill tagħat spjegazzjoni dettaljata ta' l-*audited financial statements* għas-sena 2011 u cioe' ġie spjegat li:

- minn meta ġiet preżentata d-*draft version* għal dik kif *audited,* ġew imressqa erba' *adjustments* minn ħamsa kif proposti mill-Awditur tal-Gvern insegwitu ta' liema, l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill tjibet.

- il-Kunsill għandu *accrued deficit* u dan minħabba l-fatt li fil-*financial statements* trid tidħol id-*depreciation*, *virtual expense* li takkumula tul is-snin kif ukoll, matul din is-sena finanzjarja il-Kunsill nefaq aktar

- milli kellu dħul iżda r-riżerva mis-snin passati għamlet tajjeb sabiex ma kienx hemm *cash deficit* u għamlet referenza għall-paġna Nru: 6

- fil-*current liabilities (long term liabilities)* hemm inkluż l-obbliġi li joħorġu mill-kuntratti dovuti għas-sena 2012 u dan b'referenza partikulari għall-*Private Public Partnership*

- l-Kunsill ma qabilx ma l-interpretazzjoni tal-awdituri ta' kif għandhom jiġu *recorded advanced payments* li saru fir-rispett ta' *loan* u għalhekk filwaqt li ttieħed l-proporzjon ta' dak applikabbli għas-sena 2011, d-differenza ġiet klassifika bħala *prepayments* minħabba l-fatt, li dawn huma mħalsa sa Diċembru 2014.

- Il-Kunsill ma qabilx ukoll, mad-direzzjoni ta' l-awdituri dwar meta għandu jiġi *recorded* l-ammont ta' *zone 1* mill-*U.I.F.* u cioe,' li dan għandu jiġi nkluż meta jitlesta l-proġett u mhux kif spjegat fir-risposta tal-*Management Letter*

- għalkemm kien jinħtieġ li jsiru xi tibdiliet tekniċi qabel ma jiġu sottomessi l-*audited financial statements* madanakollu, dawn ma kienux ser ikollhom ebda effett fuq pagni 6, 7 u 8 jiġifieri, *statement of financial position*, *statement of comprehensive income* u *statement of changes in equity* tar-rapport, li huma l-aktar paġni mportanti tal-*financial statements*.

Wara li l-kjarifikazzjonijiet mressqa ġew imwieġba, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairmam* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter, ma' l-*audited financial statements* kif preżentati.

## 6. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-risposta tad-*Draft Management Letter*

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni estensiva tar-risposta tas-suġġett soprcitat *item b'item* kopja ta' liema, kienet ġiet ċirkulata lill-membri kollha tal-Kunsill. Hi kompliet tgħid, li l-Kunsill huwa suġġett li jidher quddiem il-*Public Accounts Committee* u għalhekk, filwaqt li ċertu miżuri kienu diġa' ġew implimentati fir-rispett ta' l-oħrajn il-Kunsill kien għaddej bil-ħidma tiegħu sabiex jiġu eżawriti.

Insegwitu ta' din l-ispjegazzjoni li kompliet f'diskussjoni mill-membri tal-Kunsill, iċ-*Chairman* rrimarka, li fl-opinjoni tiegħu ċertu punti setgħu ġew ommessi u qal, li dan il-Kunsill hu kommess li jsegwi l-proċeduri sabiex ikompli jtejjeb il-funzjonijiet tiegħu.

Wara li l-punti kollha ġew eżawriti, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, mad-*draft reply* .

**6.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif jirriżulta mill-ispjegazzjoni mogħtija, l-Kunsill kien jeħtieġ li jiffinalizza l-*fixed assets register* fattur, li meta ddiskutietu ma' l-*Accountant*, din ta' l-aħħar staqsiet, jekk il-Kunsill kienx ser ikompli jaħdem bis-*sage pastel* jew ser jerġa' jibda juża' s-*sage line 50*, deċiżjoni, li diversi Kunsilli Lokali rriżolvew għaliha mill-esperjenza li għandha. Hi kompliet tgħid, li għaliha ma kienitx tagħmel differenza liema *software* l-Kunsill juża għaliex kienet taf tużahom it-tnejn madanakollu, filwaqt li s-*sage line 50* jinkludi ukoll is-*software* tal-*fixed asset register* mingħajr ħlas annwali u huwa s-*software* li jużaw l-awdituri tal-Gvern, għas-*sage pastel* kienet tinħtieġ *annual renewal fee* u *software* differenti – *sage evolution* sabiex ikun jista' jsir il-*fixed asset register* li għalih hemm ukoll il-ħlas annwali. L-*Accountant* infurmat ukoll li differenza oħra kienet, li fir-rispett tas-*sage pastel* l-*inputting* ma jkunx jista' jinbeda qabel ma jkun finalizzat kompletament l-*audit*.

Matul id-diskussjoni li saret u abazi tal-punti mressqa, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, li mis-sena 2012 l-*accounting software* għandu jkun is-*sage line 50*.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-11 t' April 2012, kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

**3.3** Tressqet korrispondenza mibgħuta minn *ECAD (European Cities Against Drugs)* dwar konferenza li ser issir Killarney, Irlanda bejn 9 u 12 ta' Mejju 2012 li għaliha jattendu s-Sindku u l-Viċi-Sindku.

Iċ-*Chairman* qal, li sabiex ikun hemm kontinwita' l-Kunsill kien ser jerġa' jipparteċipa u għalhekk kien qed jinnomina lill-Kunsillier Joe Camilleri sabiex jattendi minħabba l-fatt, li dan ta' l-aħħar kien diġa' attenda konferenzi preċedenti ta' l-*ECAD,* hu l-Kunsillier responsabbli mill-Ordni Pubblika u kien qed jissuġġerixxi wkoll, jekk xi Kunsillier elett f'isem il-Partit Nazzjonalista kienx interesat li jattendi.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li abazi tat-talba tagħha lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sur Silvio Frendo kkonferma telefonikament li r-rata *per diem allowance* (*substance allowance*) kif imnizzla fl-elenku datat 15 t'April 2011 kienet għada valida u għalhekk, ir-rappreżentant/i tal-Kunsill huma eleġibbli għal *class A* €254 kull lejl, jiġifieri l-Kunsillier Joe Camilleri hu ntitolat għal €1,524, jiġifieri €254 x 6 abazi ta' l-iljieli skont il-*flight* ibbukjat. Ir-raġuni l-għala ġiet applikata *class A* kienet, minħabba l-fatt li l-Kunsill kien ser iħallas biss għal *flight tickets* u l-*insurance* filwaqt li r-rappreżentant kien ser jieħu ħsieb l-akkomodazzjoni.

Hi kompliet tgħid, li kull rappreżentant skont avviż legali 144/2009, klawsola 13 (6) hu obbligat li mar-ritorn tiegħu jagħmel dikjarazzjoni dwar l-ispejjeż li juru l-ammont ta' flus mogħti minn qabel bħala *substance allowance* u ma' dan ir-rendikont għandhom ikunu meħmuża l-irċevuti kollha relevanti. Jekk jifdal xi flus, dawn iridu jiġu ndikati bħala bilanċ fir-rendikont u jiġu mħallsa lura lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Victor Rutter kellu jagħti risposta jekk kienx ser jattendi għal din il-konferenza u telaq fis-7.35p.m. minħabba mpenn ieħor.

**3.4** Tressqet kwotazzjoni bl-ammont ta' €344.39 mibgħuta minn *J.F. Mallia Ltd* dwar tkissir ta' żewġ *bollards* tal-konkos sa fejn hemm is-sod u jerġa' jingħata l-konkos biex ikunu jistgħu jeħlu l-*light poles* fix-Xatt.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qal li l-problema tad-dawl kienet aktar estensiva u s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li meta tkellmet ma' *J.F. Mallia* hu qal, li ma jistax jikkwantifika l-ispiża. Għaldaqstant, il-Kunsill iddeċieda li l-Viċi-Sindku għandu jagħmel kuntatt mas-Sur Fabian Mallia sabiex tkun tista' tinstab soluzzjoni għal dawn il-ħsarat u l-membri tal-Kunsill ikunu miżmuma nfurmati bl-eżitu billi tintbagħtilhom *e-mail*.

**3.5** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku ma' l-ammont ta' €3,294.24 *(B.O.Q. contract rates*) liema ammont hu tat-tieni fażi ta' xogħol ta' bankini fi Triq Cuschieri mill-kuntrattur *J.&K.Contractors Ltd.*

**3.6** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph Muscat għan-nefqa ta' €81 sabiex jinxtraw kotba għall-Librerija Pubblika mill-Klabb tal-Qari kif ukoll, għan-nefqa ta' €24 għall-kotba 'L-Aħħar Qamar' u Is-Sitt Aħwa'

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri man-nefqa ta' €23.30 u ġiet appuntata Cristina Bellizzi, *professional floral arranger* mill-lokalita' sabiex issir qoffa bi frott u ħxejjex u tittieħed għall-wirja annwali bl-isem *'The Great Spring Show'* li ser tkun organizzata s-Sibt 5 u l-Ħadd 6 ta' Mejju 2012 fil-palazz ta' San Anton – Attard. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-donazzjoni ta' €4.66 ma setgħetx tiġi milqugħa minħabba li l-Kunsill hu projbit li jagħti donazzjonijiet skont *Memo 65/2009.*

**3.8** Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jerġa' jitlob il-gwida ta' l-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods minħabba l-fatt li d-ditta *Asfaltar Ltd* trid risposta għall-*e-mail* li ntlbagħtet fil-11 t'April 2012 dwar xogħol ta' *patching*.

**3.9** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba tad-ditta *Latina Pictures* ġa la darba din id-ditta kellha l-permessi kollha neċessarji partikularment minn *Transport Malta.*

**3.10** *Ice-Cream Hawker fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa* - Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-korrispondeza u d-deċiżjoni li kienet diġa' ġiet diskussa fil-leġislaltura preċedenti dwar is-suġġet sopraċitat kif ukoll, qrat is-*subsidery legislation* 441.04 li tirregola Twaqqif ta' posta ta' *stalls/kiosks* mill-Kunsilli Lokali f'postijiet Pubbliċi.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż unanimament li:

- l-applikant irid jissottometti talba bil-miktub inkluż id-dokumenti kollha kif speċifikati fis-*S.S.L. 441.04*
- *S.S.L. 441.04* Art 10 sub artiklu (5) it-tul tal-perjodu
- il-permess maħruġ irid ikun relatat ma' okkażjoni
- jekk it-talba għall-permess hi biex joqgħod fil-Ġnien, id-Dipartiment ta' l-Artijiet hi l-Awtorita' kompetenti sabiex tilqa' din it-talba minħabba l-fatt, li dan huwa propjeta' tal-Gvern Ċentrali u devolut biss lill-Kunsill Lokali
- id-Dipartiment ta' l-Artijiet diġa' ħarġet permess fil-Ġnien għall-*kiosk* eżistenti u hemm ukoll permess, għall-*kiosk* ieħor
- jekk it-talba għall-permess hi sabiex joqgħod fit-triq ta' wara l-Ġnien, il-Kunsill minn dejjem kien infurmat, li din ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu

In vista ta' dan il-Kunsill Lokali qabel li ma kienx l-Awtorita' kompetenti għall-ħruġ ta' dan il-permess.

**3.11** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph Muscat, li jipparteċipa fil-proġett tad-ditta *TcTc – IKIDS* għall-ammont ta' €1,100.

Iċ-*Chairman* kien ser jinnegozja biex b'dak il-prezz iġib aktar korsijiet u l-membri tal-Kunsill ikunu miżmuma nfurmati u għall-invit ta' l-20 t'April 2012 kien ser jattendi flimkien mas-Sindku, l-Kunsillier Joseph Muscat minflok is-Segretarju Eżekuttiv.

**3.12** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/02 minn Nru:001 sa Nru:034 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2** Wara diskussjoni qasira fejn il-Kunsill qal li *request sheet* Nru: 021 – *JGC Ltd – 1 Max bello MB FIT* - €2,900 għandha titħallas wara li l-apparat jiġi ċertifikat mid-ditta *NB Engineering Services Ltd* l-iskeda tal-ħlasijiet sopraċitata ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**7. Affarijiet Oħra**

**7.1 Jum il-Gżira**

Bħala parti mill-attivitajiet għall-Jum il-Gżira l-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph Muscat, li tiġi organizzata kompetizzjoni ta' tpinġija bit-tema 'Il-Lokalita' tal-Gżira' għall-studenti tar-raba' sena ta' l-iskejjel Sekondarji u tas-sitt sena ta' l-iskejjel Primarji tal-lokalita'. Kull tpinġija parteċipativa ser tkun esebita fiċ-Ċentru t'Attivitajiet u jingħata *voucher* ta' €50 għall-ewwel premju u *voucher* ta' €25 għar-*runner up* f'kotba.

Il-Kunsillier Joseph Muscat għandu jibgħat ir-rekwiżiti ta' din il-kompetizzjoni sabiex tkun tista' tintbagħat l-ittra lilll-iskejjel hawn fuq imsemmija.

Is-Sotto-Kumitat ta' l-anzjani bħal kull sena, ser jorganizza żjarat lir-residenti Gżirjani li qedgħin f'San Vincenz de Paule, lill dawk fi *Gżira Home* u lill-Anzjani tal-lokalita' li ma joħorġux minn djarhom. Dawn iż-żjarat għandhom isiru bejn l-14 u t-18 ta' Mejju 2012.

Abazi ta' proposta miċ-*Chairman*, kellu jsir kuntatt ma' l-*NSTS* minħabba l-fatt li fil-laqgħa li kellu magħhom dawn esprimew ix-xewqa li jipparteċipaw fi *Clean Up Day* u kien tal-fehma li din l-inizjattiva tiġi estiża wkoll għall-iskejjel primarji u sekondarji fil-lokalita'. Ġie suġġerit ukoll li għandu jinħatar kumitat sabiex ikun responsabbli minn din l-attivita' u oħrajn simili tagħha.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.2** Il-Kunsill qabel unanimament li jerġu' jibdew isiru s-*Summer Music Nights* minn Lulju 2012 wara l-festa tal-lokalita'.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsill bħas-snin ta' qabel għandu jsib xi *sponsors* għal din l-attivita'.

Il-Kunsillier Joe Camilleri kien qed jissuġġerixxi li bħala waħda mill-attivitajiet annwali, l-Kunsill għandu jibda jipparteċipa flimkien mal-*Malta Wheelchair Dance Sport Association* għal *The International Malta Open Dance Spetacular* li ssir fil-*University Sports Hall*, University Complex.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li l-Kunsillier Joe Camilleri għandu jagħmel kuntatt ma' din l-Assoċjazzjoni.

**7.3** Iċ-*Chairman* qal li fl-opinjoni tiegħu l-*website* tal-Kunsill għandha tiġi *upgraded* biex turi s-servizzi li jistgħu jiġu offruti mill-Kunsill kif ukoll qal, li kien ser jibda jaħdem fuq il-*magazine* tal-Kunsill. Hu kompla jgħid, li kien ser ikompli jaħdem mal-kumpanija *Media Graphics* li kienet ġiet ingaġġata mill-Kunsill preċedenti fejn il-*magazine* ikun *self financing* mir-reklamar li jinġabar mill-istess kumpanija filwaqt li l-Kunsill ikun responsabbli mid-distribuzzjoni tagħha.

**7.4** Abazi tas-suġġeriment imressaq mill-Kunsillier Joseph Muscat, sabiex l-ilmenti/suġġerimenti jiġu *recorded*, iċ-*Chairman* spjega li din il-prassi kienet diġa' ġiet addottata, liema *spreadsheet* tintbagħat darba fil-ġimgħa għall-attenzjoni tiegħu.

**8. Laqgħa Oħra**

**8.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/02**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/02 11.04.2012** **Data:** **16.03.2012 - 11.04.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ARMS LTD | €544.82 | €544.82 | D | | Adm. Office - 07.12.11 - 15.02.12 | 15.03.2012 | 14895381 | 001 | | | 7704 |
| 2 | J. Bugeja & Associates | €343.68 | €343.68 | T | | Arch. Services - January 2012 | 14.03.2012 | 899 | 002 | | | 7705 |
| 3 | J. Bugeja & Associates | €941.67 | €941.67 | T | | Arch. Services - February 2012 | 14.03.2012 | 900 | 003 | | | 7706 |
| 4 | J. Bugeja & Associates | €17.85 | €17.85 | T | | c/m fee J.&K. inv.1257-12 | 20.03.2012 | 907 | 004 | | | **Cancelled** |
| 5 | J. Bugeja & Associates | €14.07 | €14.07 | T | | c/m fee J.&K. inv.1256-12 | 20.03.2012 | 908 | 005 | | | **Cancelled** |
| 6 | J. Bugeja & Associates | €7.22 | €7.22 | T | | c/m fee J.&K. inv. 1255-12 | 20.03.2012 | 909 | 006 | | | **Cancelled** |
| 7 | J. Bugeja & Associates | €12.94 | €12.94 | T | | c/m fee J.&K. inv. 1252.12 | 20.03.2012 | 910 | 007 | | | **Cancelled** |
| 8 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €88.16 | €88.16 | T | | Job No: 11396 - Road Markings | 06.03.2012 | 16127 | 008 | | | 7707 |
| 9 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €467.65 | €467.65 | T | | Job No: 11397 - Road Markings | 06.03.2012 | 16128 | 009 | | | 7708 |
| 10 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €662.35 | €662.35 | T | | Job No: 11398 - Road Markings | 06.03.2012 | 16129 | 010 | | | 7709 |
| 11 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €81.61 | €81.61 | T | | Job No: 11399 - Road Markings | 06.03.2012 | 16130 | 011 | | | 7710 |
| 12 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Cleaning Services on Sundays - February 2012 | 21.03.2012 | 12-2405 | 012 | | | 7711 |
| 13 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Cleaning Services for the month of February 2012 | 21.03.2012 | 12-2406 | 013 | | | 7712 |
| 14 | J.F. Mallia Ltd | €553.67 | €553.67 | D | | Job Nos: 234-235-237-238-239 - Maint Bozoz | 19.03.2012 | 714 | 014 | | | 7713 |
| 15 | JGC Ltd | €174.75 | €174.75 | K | | 5 x 45 mm rubber flooring | 30.12.2011 | 193-11 | 015 | | | 7714 |
| 16 | BIG Exhibits | €408.28 | €408.28 | D | | 20 PVC No Littering Boards | 26.03.2011 | 52715 | 016 | | | 7715 |
| 17 | ARMS LTD | €60.32 | €60.32 | D | | Activities Ctr - 10.12.2011 - 22.02.22012 | 16.03.2012 | 14898217 | 017 | | | 7716 |
| 18 | Melita plc | €399.57 | €399.57 | D | | Hello Service & Usage 08.03.12 - 27.04.2012 | 08.03.2012 | 31940244 | 018 | | | 7676 |
| 19 | G4S Security Services Ltd | €60.88 | €60.88 | D | | C.I.T. - 8 Trips - March 2012 | 31.03.2012 | GS004796 | 019 | | | 7717 |
| 20 | S.Rausi Trading | €52.98 | €17.98 | D | | Drinking Water | 04.04.2012 | 21093213 | 020 | | | 7718 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,859.84** | **€9,824.84** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,859.84** | **€9,824.84** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/02**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/02 11.04.2012** **Data:** **16.03.2012 - 11.04.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | JGC Ltd | €2,900.00 | €2,900.00 | K | | 1 Max bello MB FIT 104C | 22.03.2012 | 50-212 | 021 | | | 7719 |
| 22 | Envir.L/Scapes Cons. Ltd | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - March 2012 | 31.03.2012 | 008423 | 022 | | | 7720 |
| 23 | TriStar Travel Ltd | €430.00 | €430.00 | D | | Air Fare - J.C. ECAD | 07.04.2012 | 197081 | 023 | | | 7703 |
| 24 | Uptrend Publishing | €95.00 | €95.00 | D | | 20 Milly Molly Books for Public Library | 10.04.2012 | 1210 | 024 | | | 7721 |
| 25 | ITS Ltd | €59.00 | €59.00 | D | | Sage Pastel Consultancy Job No: JS014903 | 31.03.2012 | SIN120335 | 025 | | | 7722 |
| 26 | J.&K. Contractors Ltd | €3,379.33 | €3,379.33 | T | | Pavement Works in Reggie Miller Street | 02.02.2012 | | 026 | | | 7729 |
| 27 | Stardelta Hardware Store | €3.80 | €3.80 | D | | 10 Cardboards | 15.03.2012 | 5867869 | 027 | | | 7723 |
| 28 | Stardelta Hardware Store | €15.70 | €15.70 | D | | Handrail etc | 05.04.2012 | 5867878 | 027 | | | 7723 |
| 29 | The Toolbox | €9.12 | €9.12 | D | | Maint ix-Xatt | 20.03.2012 | 10951 | 028 | 23/2012 | | 7724 |
| 30 | The Toolbox | €53.86 | €53.86 | D | | Maint - Administrative Office | 03.04.2012 | 10979 | 028 | 26/2012 | | 7724 |
| 31 | The Toolbox | €9.35 | €9.35 | D | | Maint kaptella | 27.03.2012 | 10963 | 028 | | | 7724 |
| 32 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Craft Lessons - April 2012 | Apr.2012 | 30 | 029 | | | 7730 |
| 33 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - April 2012 | Apr. 2012 | 23 | 030 | | | 7731 |
| 34 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - April 2012 | Apr.2012 | 24 | 031 | | | 7732 |
| 35 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - April 2012 | Apr.2012 | 25 | 032 | | | 7733 |
| 36 | Emanuel Mifsud | €990.80 | €990.80 | T | | Bulky Refuse March - 181 Calls | Apr.2012 | 26 | 033 | | | 7734 |
| 37 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food - April 2012 | Apr.2012 | 36 | 034 | | | 7735 |
| 38 | Honoraria | €521.19 | €521.19 | | | Honoraria | | | | | | 931 |
| 39 | Wages | €4,780.27 | €4,780.27 | | | Wages | | | | | | 932, 933, 934, 935, 936 |
| 40 | C.I.R. | €2,089.60 | €2,089.60 | | | C.I.R. | | | | | | 822 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€24,830.96** | **€24,830.96** |
| **Sub Total b/f** | **€9,859.84** | **€9,824.84** |
| **Total** | **€34,690.80** | **€34,655.80** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier